# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu 2019**

**Numru 15**

**Appell Kostituzzjonali Numru 34/2017/1 SM**

**Josephine Mallia, Jeanette Cardona *née* Mallia u Paul Mallia**

***v*.**

**Tabib Principali tal-Gvern (Saħħa Pubblika); Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern u tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fil-15 t'Ottubru 2018 li biha sabet ksur tal-art. 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u tal-art. 2 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni") iżda ma sabet l-ebda ksur tal-art. 8 tal-istess Konvenzjoni. Bħala rimedju l-ewwel qorti ordnat lill-konvenuti sabiex iħallsu ħamsa u għoxrin elf euro

(€25,000) lill-atturi bħala danni għall-mewt ta' Joseph Mallia, awtur tal-atturi.

*2.* Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: l-attriċi hija l-armla ta' Joseph Mallia u l-atturi l-oħra – Jeannette Cardona u Paul Mallia – huma uliedu. Joseph Mallia miet fit-3 ta' Settembru 2012, tal-età ta' sebgħa u sittin (67) sena, b'*malignant mesothelioma* konsegwenza tal-fatt li għamel żmien twil espost għal *asbestos* fil-kors tal-impjieg tiegħu ma' *Malta Drydocks Corporation*.

3. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti, wara li tiddikjara illi seħħ ksur ta':

> »1. id-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja, u li l-ħajja tal-individwu ma titqigħedx f'periklu bla bżonn, *ai termini* tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem … … …;
>
> »2. id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tal-individwu *ai termini* tal-artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni Ewropea … … …;
>
> »3. id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata fit-termini tal-paragrafu preċedenti però f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt għall-informazzjoni dwar perikli marbutin mal-*asbestos*:
>
> »4. tikkwantifika kumpens xieraq bħala rimedju għal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew liema minnhom fil-konfront tar-rikorrenti individwalment;
>
> »5. tillikwida dan l-ammont ta' kumpens;
>
> »6. tordna li l-ammont hekk likwidat bħala rimedju pekunjarju jitħallas lir-rikorrenti individwalment.«

4. It-Tabib Ewlieni tal-Gvern u l-Avukat Penerali wieġbu hekk :

> »1. illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-ilmenti tar-rikorrenti, qabel xejn ir-rikorrenti jeħtiġilhom juru li l-mejjet Joseph Mallia kien tassew espost għall-*asbestos* u kif ukoll li l-kanċer malinju li nstab fuqu kien konsegwenza u kawża unika tal-fatt li l-imsemmi Joseph Mallia kien espost għall-*asbestos*. F'dan il-kuntest ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew esibiti mar-rikors li l-kanċer żviluppa minħabba li l-mejjet kellu kuntatt mal-*asbestos*.

»2. tabilħaqq mhux daqstant differenti minn kawżi ċivili ordinarji, għalkemm hawn qegħdin fil-kamp kostituzzjonali, ir-rikorrenti xorta jridu jippruvaw in-ness tal-kawżalità u ma jistgħux jistrieħu fuq sempliċi suspsetti, ipoteżijiet u konġetturi, kif hekk qed jihder li qed jagħmlu r-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali tagħhom;

»3. illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab imsejjes fuq l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt għall-ħajja, kif imħares bl-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan huwa assolutament bla bażi kemm bħala fatt u bħala dritt, peress li ħadd mill-intimati intenzjonalment ma qiegħed ħajjet ir-rikrorenti fil-perikolu jew b'xi mezz ċaħħadhom mill-jedd għall-ħajja tagħhom;

»Fis-sewwa ħadd mill-intimati ma kellu l-*animus necandi* li jneħħi ħajjet ir-rikorrenti jew l-*animus nocendi* li jikkaġuna xi ħsara għal saħħet ir-rikorrenti;

»4. illi dwar l-ilment tar-rikorrenti marbut mal-jedd tal-privatezza kif protett taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent josserva li r-rikorrenti ma elaboraw xejn dwar din ix-xilja. Tassew imkien fir-rikors kostituzzjonali ma ġie spjegat b'liema mod l-intimati indaħlulhom fi ħwejjiġhom jew fil-ħajja privata tagħhom jew tal-familja tagħhom. Għalhekk inkwantu dan l-ilment ma ġiex suffiċjentement imfisser, dan għandu jiġi mwarrab ukoll;

»5. Madankollu biex l-argument ikun sħiħ, l-esponenti assolutament jiċħdu bħala fatt li huma ndaħlu jew ħadu xi miżuri biex jikkompromettu jew ifixklu l-ħajja privata jew tal-familja tar-rikorrenti.

»6. illi dejjem mingħajr ħsara għal dak li ngħad aktar kmieni, b'mod ġenerali jingħad li l-Gvern Malti ħa dawk il-miżuri meħtieġa, inkluż bdil fil-liġi, biex jindirizza l-problema tal-*asbestos* karċinoġenu fit-tarzna. Tassew malli l-gvern sar jaf bil-perikolu ta' dan il-materjal, huwa ħa ċertu passi rimedjali biex jiġi evitat il-periklu. Infatti l-amministrazzjoni tat-tarzna provdiet maskri u tagħmir protettiv lill-ħaddiema u ġie żgurat li jkun hemm ventilazzjoni adegwata għaddejja;

»7. Mhux fi żmien daqshekk imbiegħed l-*asbestos* kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa materji prima biex isolvu problemi ta' insulazzjoni. Hekk kif il-Gvern Malti sar jaf bir-riskju ta' dan il-materjal, inbeda proċess biex jitneħħa dan il-materjal u saħansitra għadda liġijiet biex iwaqqaf l-importazzjoni tiegħu. Naturalment però dan il-proċess kellu jieħu ż-żmien tiegħu għaliex l-*asbestos* ma setax jisparixxi f'daqqa waħda;

»8. jiġi b'hekk li l-Gvern Malti ma jistax jitqies responsabbli li ma pprojbixxiex l-użu tal-*asbestos* jew li naqas milli jxerred tagħrif dwar il-perikli sanitarji marbuta mal-espożizzjoni tal-*asbestos* malli sar jaf b'mod konklussiv bl-effetti negattivi tiegħu fuq saħħet il-bniedem.«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»1. tirrespinġi t-tieni (2) talba tar-rikorrenti;

»2. takkolji t-talbiet rimanenti l-oħra kollha tar-rikorrenti;

»3. takkolji r-raba’ (4) u l-ħames (5) eċċezzjoni tal-intimati;

»4. tirrespinġi l-eċċezzjonijiet l-oħra rimanenti tal-istess intimati;

»5. tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont fuq indikat ta’ €25,000;

»6. tikkundanna lill-intimati biex *in solidum* bejniethom iħallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat;

»7. bl-ispejjeż ta’ din il-proċedura kontra l-intimati.«

6. Safejn huma rilevanti għal dan l-appelli, il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat:

»illi l-intimati jsostnu li la r-rikorrenti ġà ngħataw kumpens għal lanjanza tagħhom hawn in diżamina minn pajjiż ieħor, allura “... dikjarazzjoni ta’ leżjoni hi suffiċjenti”;

»illi f’dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta’ Diċembru 2010), fl-ismijiet Carmen Fenech *et v.* Iċ-*Chairman* tal-*Malta Drydocks nomine et*, datata l-10 t’Ottubru 2008, [li] irriteniet is-segwenti:

> »“Din il-qorti mhix tant interessata fuq x’irċevew jew ma rċevewx l-atturi mingħand it-terzi sidien jew operaturi ta’ bastimenti li fuqhom ħadem id-*decujus*. Dak li jgħodd hu li l-konvenut *nomine* kien il-persuna obbligata għar-riżarċiment tad-danni li tnisslet mid-deċess tal-konġunt tagħhom. Kull dħul ieħor ta’ kumpens minn sorsi oħra għandu għal finijiet tar-rapport bejn id-defunt u t-tarzna jitqies *res inter alios acta*”;

»Ikkunsidrat:

»Illi essenzjalment ir-rikorrenti jallegaw li l-marda inkurabbli sofferta minn Joseph Mallia li wasslitu għall-mewt kienet riżultat dirett tal-fatt li hu kien espost għall-kontaminazzjoni mill-asbestos fuq il-post tax-xogħol tiegħu, u dan għal snin twal – mill-1960 sal-2002 – mingħajr ma ttieħdu prekawzjonijiet mill-awtoritajiet tas-saħħa;

»Ikkunsidrat:

»illi jirriżulta paċifiku li Joseph Mallia dam għal aktar minn erbgħin (40) sena jaħdem bħala *fitter* it-tarzna, li tul dal-perjodu kollu kienet entità governattiva;

»illi jirriżulta li fit-tarzna kien jintuża l-*asbestos*;

»illi sa mis-snin sittin (60) kien hemm informazzjoni medika rigwardanti l-perikolożità ta’ dan il-materjal għall-persuni li jiġu esposti għalih;

»illi jirriżulta li l-awtoritajiet tas-saħħa lokali bdew jieħdu miżuri preventivi fir-rigward fid-disgħinijiet (90), ftit qabel ma l-imsemmi Joseph Mallia irtira mix-xogħol;

»illi skont il-Kap tad-Dipartiment tal-Mediċina fl-Università u *consultant respiratory physician* fid-Dipartiment tas-Saħħa, il-kawża diretta tal-marda li kkaġunat il-mewt ta' Joseph Mallia bil-*pleural mesothelioma* kien il-fatt li l-istess Mallia kien espost għall-*asbestos*;

»illi jirriżulta assodat li l-imsemmi Joseph Mallia kien jaħdem biss fit-tarzna;

»illi ma nġabet l-ebda prova li l-istess Mallia seta' kkontratta l-marda *de quo* minn xi sors ieħor;

»illi għalhekk din il-qorti hi sodisfatta li tenut kont tas-suespost, jeżisti ness dirett bejn il-marda riskontrata fl-imsemmi Mallia u x-xogħol tar-rikorrenti fit-tarzna;

»Ikkunsidrat:

»illi fir-rigward tal-lanjanzi naxxenti mill-artikli 2 u 8 tal-Konvenzjoni, jingħad sintetikament is-segwenti:

»illi l-artiklu 2 in diżamina jirrigwarda d-dritt għall-ħajja … … …

»25. Illi ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (minn issa 'l quddiem Qorti ta' Strasburgu), fl-ismijiet Brincat u Oħrajn *v.* Malta, datat l-24 ta' Lulju 2014 … … …

»… … …

»illi jiġi sottolineat li d-deċiżjoni ta' Brincat indikata fil-paragrafu preċedenti kienet tirrigwarda kwistjoni identika għall-kawża odjerna fejn il-Qorti ta' Strasburgu ikkonkludiet li kien ġie ppruvat in-ness dirett ta' kawżalità bejn l-insorġiment tal-*malignant mesothalioma* u l-esposizzjoni għall-*asbestos*;

»… … …

»illi l-konklużjoni li waslet għaliha l-qorti … kienet li fil-każ tal-ħaddiema li mietu bil-*mesothelioma* l-ilment tagħhom kellu jiġi trattat fil-kuntest ta' vjolazzjoni tal-artiklu 2 tal-Konvenzjoni, mentri fil-każ tal-ħaddiema li mardu bil-*mesothelioma* l-ilment kellu jiġi trattat biss taħt l-ambitu tal-artiklu 8 tal-istess Konvenzjoni;

»illi *in vista* tal-insenjament fuq deklinat [*sic*] din il-qorti tikkondividi l-linja delineata mill-Qorti ta' Strasburgu u konsegwentement ser tqis il-mewt ta' Joseph Mallia bħala vjolazzjoni tal-artiklu 2 tal-Konvenzjoni u mhux bħala vjolazzjoni tal-artiklu 8 tal-istess;

»Ikkunsidrat:

»illi fir-rigward tal-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni sollevat mir-rikorrenti tissottolinea s-segwenti:

»illi dan l-artiklu jirrigwarda d-dritt għall-protezzjoni tad-dritt tal-ħajja;

»… … …

»Illi f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Jane Agius *v.* L-Avukat Ġenerali *et*, datata l-14 ta' Diċembru, 2015, fejn ġie ritenut is-segwenti:

> »"Ir-rikorrenti qed tallega ksur ta' dan l-artikolu flimkien mal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni. Il-kliem tal-artikolu 33 mhux eżattament

l-istess bħat-test tal-artikolu 2. L-artikolu 2 jibda bis-sentenza '*Everyone's right to life shall be protected by law*'. Dan il-prinċipju assolut mhux rispekkjat fl-artikolu 33 li jinkorpora biss it-tieni frażi tal-artikolu 2. Wieħed jista' jirraġuna li din il-frażi tħalliet barra appożitament u għalhekk l-artikolu 33 jitkellem biss dwar indħil dirett mill-istat;

»"Iżda dan l-artikolu għandu jingħata l-istess applikazzjoni bħall-artikolu 2 tal-Konvenzjoni għal diversi raġunijiet. Lewwelnett hu paċifiku li r-responsabbilità ġuridika temani mhux biss fuq att pożittiv u dirett, imma anke minn att ta' omissjoni fejn persuna tonqos milli tagħmel dak li hu mistenni raġonevolment minnha. Att ta' omissjoni jista' jkun leżiv daqs att ta' kommissjoni;

"*Inoltre*, l-obbligazzjoni sanċita bl-artikolu 33 hi waħda essenzjalment tal-protezzjoni tal-ħajja minn azzjonijiet illegali u arbitrarji tal-istat. Dan jirrikjedi li l-istat għandu jkun marbut mhux biss milli jindaħal fit-tgawdija ta' tali dritt imma anke li jieħu mizuri pożittivi biex jassigura t-tħaris tad-dritt; *altrimenti* dan l-artikolu ikun wieħed dgħajjef u ineffettiv."

»...

»Ikkunsidrat:

»illi minn eżami tal-fatti kif riżultati in atti jirriżulta assodat li Joseph Mallia għamel snin twal impjegat bħala *fitter* it-tarzna u għalhekk kostantement epost għall-*asbestos*, u dan mingħajr ma kien jaf bil-periklu kbir li kien suġġett għalih *nonostante* li l-awtoritajiet mediċi lokali kienu konxji ta' dan il-periklu sa mill-aħħar tas-snin sittin;

»illi konsegwenza tal-fatt li dawn l-awtoritajiet kienu jafu b'dan ir-rigward tirriżulta vjolazzjoni tal-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni;

»Ikkunsidrat:

»illi minn analisi tal-fatti fuq delineati jirriżulta li l-mewt ta' Joseph Mallia kienet ikkawżata minħabba l-ommissjoni da parti tal-istat li (i) ma aġġornax ruħu tempestivament bil-leġislazzjoni li kien hemm bżonn li tiġi adottata għall-għarfien xjentifiku tal-periklu konnessi mal-*asbestos*, u l-użu tiegħu; u ma għamilx rakkomandazzjonijiet pubbliċi dwar miżuri ta' prevenzjoni u eliminazzjoni tal-użu f'waqtu ta' din is-sustanza noċiva għas-saħħa tal-bniedem;

»… … …

»illi stabbilit li Joseph Mallia miet minħabba *pleural mesothelioma* riżutat tal-esposizzjoni tiegħu għall-*asbestos* li kien jiġi użat fuq il-post tax-xogħol tiegħu, u dan in vjolazzjoni tal-artiklu 33 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 2 tal-Konvenzjoni, hu issa doveruż li l-qorti tgħaddi għall-likwidazzjoni tad-danni non pekunjarji u mhux li tieqaf superfiċjalment fuq mera dikjarazzjoni ta' leżjoni bħala ekwivalenti għal rimedju suffiċjenti kif l-intimati qed jistiednu lill-qorti li tagħmel;

»Illi fiċ-ċirkostanzi kif fuq delineati, inkluż il-fatt li r-rikorrenti ġew ukoll risarċiti minn kumpanija estera kif fuq sintetikament ġà indikat, *stante* li kif ġà ntqal li din il-qorti mhix interessata jekk ir-rikorrenti rċevewx, jew le, xi kumpens fir-rigward mill-istess, tillikwida s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf euro, (€25,000.00) bħala danni sofferti mir-rikorrenti bħala

riżultat tal-mewt ta' Joseph Mallia minħabba l-esposizzjoni li hu kellu għall-*asbestos* fix-xogħol tiegħu kif fuq deskritt.«

7. It-Tabib Ewlieni tal-Gvern u l-Avukat Ġenerali appellaw minn din is-sentenza b'rikors tad-29 t'Ottubru 2018 li għalih l-atturi wieġbu fil-15 ta' Novembru 2018. L-appell jolqot dawk il-partijiet tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ddikjarat li kien hemm ksur tad-drittijiet tal-atturi mħarsa taħt l-art. 33 tal-Kostituzzjoni u l-art. 2 tal-Konvenzjoni u fejn ikkundannat lill-konvenuti jħallsu ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) bħala kumpens.

8. Fl-ewwel aggravju l-konvenuti jgħidu illi fin-nuqqas ta' prova ta' *animus necandi* jew ta' *animus nocendi* l-ewwel qorti ma setgħetx sabet ksur tal-art. 33 tal-Kostituzzjoni. Iżidu li il-gvern kien wettaq l-obbligi tiegħu meta għadda liġijiet li jiggwidaw lil min iħaddem u għalhekk ir-responsabbiltà għall-mewt tal-awtur tal-atturi kellha tintrefa' minn *Malta Drydocks* u minn *Malta Rubber Limited* billi l-mejjet ma' dawn kien impjegat. Komplew fissru dan l-ewwel aggravju tagħhom hekk:

> »… … … kif tajjeb ġie mfisser minn din l-onorabbli qorti fis-sentenza Nardu Balzan Imqareb *v.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali deċiża fis-16 ta' Novembru 2006, l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni għandu għan speċifiku fis-sistema ġuridiku Malti. Dan l-artikolu jaħseb biex iħares lil kull individwu minn telf ta' ħajtu b'għamil maħsub ta' ħaddieħor. Jiġifieri l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jżomm lill-istat milli jneħħi l-ħajja ta' persuna jekk mhux fl-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti dwar reat li dwaru dik il-persuna tkun instabet ħatja.
>
> »L-enfażi tal-artikolu 33 qiegħed għalhekk fuq it-tneħħija intenzjonali tal-ħajja, jiġifieri li wieħed irid ineħħi l-ħajja ta' dak li jkun. Minn dan l-aspett, għalhekk il-Kostituzzjoni għandha applikazzjoni ħafna aktar dejqa mill-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea, fejn l-istat għandu wkoll obbligu preventiv li jieħu l-mezzi kollha meħtieġa biex jara li l-ħajja tal-persuni tkun imħarsa kif imiss.

»Dan premess, mill-lenti purament kostituzzjonali, l-atti tal-kawża ma jurux li r-rikorrenti ppruvaw sal-grad mitlub bil-liġi li l-intimati intenzjonalment riedu joqtlu jew ipoġġu ħajjet id-*decujus* f'periklu. Barra minn hekk irid jiġi apprezzat illi l-individwu konċernat ma kienx impjegat mill-istat iżda mid-*Drydocks Corporation* illi kienet indipendenti mill-gvern fejn għaldaqstant l-*employer* kienet id-*Drydocks Corporation*. L-istess għandu jingħad fir-rigward tal-kumpannija *Malta Rubber Ltd* … … … Huwa fatt ben saput illi r-responsabbilità illi jħares saħħet il-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol hija prinċipalment ta' min qed iħaddem. Wieħed ma jistax jippretendi illi l-istat jassorbi r-responsabbilità partikolari ta' ħarsien tal-ħaddiema fuq il-lok ta' xogħolhom u dana anke *stante* illi min qed iħaddem ikun jaf il-ħaddiem x'qed jagħmel u r-riskji konnessi max-xogħol illi wara kollox l-*employer* jkun assenja lill-impjegat. Kif jista' wieħed jippretendi illi l-istat ikun jaf ix-xogħol illi ġie assenjat lil kull ħaddiem f'Malta u jadopera miżuri sabiex iħares lil kull ħaddiem. Ir-responsabbilità tal-istat hija illi jilleġiżla sabiex ikun ċar min għandu r-responsabbilità u d-dmir illi jadopera miżuri ta' sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Però lanqas ma għandu wieħed ifarfar ir-responsabbilità fuq l-istat jekk ma jkunx hemm leġislazzjoni. L-*employer* għandu id-dmir illi jkun jaf ix-xogħol illi qed jassenja lill-ħaddiema u jkun jaf ukoll bir-riskji marbuta ma' dak ix-xogħol. Dan id-dmir huwa wieħed bażiku u fundamentali. L-istess dmir jikkomporta illi *employer* jagħmel riċerka u studju u mbagħad jadopera miżuri effettivi sabiex iħares lil impjegat.

»*Inoltre* r-Regolamenti tal-1945 *Factories (Health, Safety and Welfare) Regulations) 1945*, regolamenti 3 u 7A (1) (2) emendati fl-1986 kienu jipprovdu illi min iħaddem, f'dan il-każ *Malta Drydocks* u *Malta Rubber Ltd* kienu responsabbli għas-saħħa tal-impjegati tagħhom billi jħarsuhom mill-foga, trab u impuritajiet oħra illi jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa u jipprovdulhom ilbies protettiv fejn neċessarju. Fi kliem ieħor il-liġi stess kienet iżżomm lill-prinċipal responsabbli. Kif diġà ngħad qabel il-gvern għandu r-responsabbilità illi jilleġiżla u jiggwida. Dan id-dmir kien diġà wettqu sa mill-1945 meta ġie ippubblikat l-Avviż Legali. Mill-pubblikazzjoni tal-Avviż id-dmir illi jħares lill-ħaddiem kien interament f'idejn l-*employer*. Irid jingħad ukoll illi f'Malta l-importazzjoni tal-*asbestos* kien regolat u dana permezz tar-Regolamenti tal-1969 dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni.

»Għalhekk mill-perspettiva waħdanija tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni l-ilment tar-rikorrenti m'huwiex ġustifikat.«

9. L-ewwel parti ta' dan aggravju hija msejsa fuq in-nuqqas ta' intenzjoni tal-konvenuti li jagħmlu ħsara lill-awtur tal-atturi. L-argument tal-konvenuti essenzjalment huwa illi l-obbligu tagħhom huwa biss wieħed passiv – dak li ma jagħmlux ħsara – u għalhekk ma jqisx illi l-obbligu fuq l-istat ma huwiex biss wieħed passiv iżda hemm ukoll l-obbligu positiv li l-istat jieħu l-miżuri meħtieġa u

f'waqthom – anke, jekk meħtieġ, billi jimponi wkoll obbligi fuq terzi, bħal min iħaddem – biex iħares id-dritt għall-ħajja billi ixejjen jew għall-inqas safejn raġonevolmenbt possibbli jnaqqas dak li jista' jkun ħsara jew ta' perikolu għall-ħajju u għas-saħħa..

10. Dan huwa obbligu mhux biss taħt il-Konvenzjoni iżda wkoll taħt l-art. 33 tal-Kostituzzjoni, aktar u aktar fil-qasam tas-saħħa pubblika u tas-sigurtà pubblika.

11. Għalhekk, għalkemm  ma hemm ebda dubju jew allegazzjoni li l-istat kellu xi intenzjoni li jagħmel ħsara lill-awtur tal-atturi, din il-parti tal-aggravju ma tistax tintlaqa'.

12. Fit-tieni parti tal-aggravju tagħhom il-konvenuti jgħidu illi, peress li ma kienx l-istat li kien iħaddem lill-awtur tal-atturi, ma għandux ikun l-istat li jitqies responsabbli għall-ħsara li seħħet, ladarba wettaq l-obbligu tiegħu li jħares id-dritt tal-ħajja u tas-saħħa billi għadda liġijiet apposta għalhekk.

13. Fiż-żmien meta l-awtur tal-atturi kien jaħdem ma' *Malta Drydocks Corporation* din kienet korporazzjoni pubblika mmexxija mill-istat[1]. Għalhekk ma jistax jingħad li l-istat ma għandu jerfa' l-ebda responsabbiltà fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum.

14. L-argument imbagħad illi l-istess wettaq l-obbligu positiv tiegħu billi għadda liġijiet biex iħarsu s-saħħa fuq il-post tax-xogħol u biex

---

1 Ara x-xiehda ta' Joseph Saliba fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2015 quddiem l-ewwel qorti, *fol.* 363.

jikkontrollaw l-użu tal-*asbestos*, dan l-argument huwa wkoll il-meritu tat-tieni aggravju dwar l-art. 2 tal-Konvenzjoni. Billi dan l-argument jolqot il-kwistjoni jekk l-istat wettaqx l-obbliu positiv tiegħu kemm taħt il-Kostituzzjoni u kemm taħt il-Konvenzjoni, il-qorti sejra tqisu taħt it-tieni aggravju.

15. Fit-tieni aggravju (li, għalkemm magħmul fil-kuntest tal-art. 2 tal-Konvenzjoni, jolqot, kif rajna, id-dritt imħares taħt il-Kostituzzjoni wkoll) il-konvenuti jgħidu illi l-istat ħa l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex titħares is-saħħa tal-awtur tal-atturi fuq il-post tax-xogħol, dejjem skond it-tagħrif li kien hemm dwar l-effetti tal-*asbestos* dak iż-żmien. Igħidu wkoll illi l-atturi ma għamlux il-prova illi l-awtur tagħhom intlaqat bil-marda fiż-żmien meta kien impjegat mat-tarzna u li, meta miet, l-atturi ma ressqu l-ebda ilment mal-awtoritajiet kompetenti jew talba sabiex jinvestigaw il-kawża tal-mewt tiegħu. Ikomplu jfissru dan it-tieni aggravju tagħhom hekk:

> »Rigwardanti l-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jsostnu illi l-artikolu 2 jistabilixxi obbligazzjoni negattiva sabiex il-ħajja ma tinqeridx kif ukoll obbligazzjoni pożittiva u *cioè* d-dritt għall-ħajja. L-ewwel sentenza tas-subartikolu (1) tal-artikolu 2 jistabilixxi li '*everyone's right to life shall be protected by law*'. L-obbligu naxxenti mis-subartikolu (1) tal-artikolu 2 huwa li jittieħdu '*appropriate steps'* sabiex tiġi protetta l-ħajja li jfisser li f'ċertu każijiet stat ikollu jieħu miżuri preventivi.
>
> »Issir referenza għall-każ fl-ismijiet LCB *v.* UK deċiża fis-sena 1998 fejn l-applikanta kienet allegat li l-marda tal-leukemia li kienet qed tbati minnha kienet ir-riżultat tal-esposizzjoni ta' missierha għar-radjazzjoni-jiet minn testijiet nuklejari li kien ħa sehem fihom fuq Christmas Island qabel ma twieldet. Il-Qorti Ewropea ċaħdet din il-vertenza msejsa fuq l-artikolu 2 li l-awtoritajiet kellhom jinfurmaw lill-ġenituri tagħha dwar ir-riskji li wild seta' jkollu u li tiġi moniterjata s-saħħa tagħha sa mit-twelid. Ir-raġuni wara din id-deċiżjoni kienet li l-informazzjoni li kellhom f'idejhom l-awtoritajiet fiż-żmien meta saru t-testijiet kienu tali li ma kienx hemm ċertezza li missier l-applikanta kien espost għar-radjazz-

joni u lanqas li l-esposizzjoni setgħet tkun ta' riskju rejali għas-saħħa tagħha.

»L-esponenti jissottomettu li għalkemm l-istat għandu effettivament jieħu dawk il-miżuri neċessarji biex kemm jista' jkun jipprevjeni li individwu jiġi espost għall-affarijiet li huma dannużi għal saħħtu, bħala kif ġà espost jgħaddi leġislazzjoni appożita, madanakollu l-istat għandu marġini ta' apprezzament sabiex ikun jista' jibbilanċja l-intervent tiegħu u l-awtonomija tal-*employer* u r-responsabbilità illi tali awtonomija ġġorr magħha. Naturalment ukoll l-esponenti jemmnu li biex wieħed jara jekk l-istat żammx kif imiss mal-obbligi pożittivi tiegħu li jindukra ħajjet iċ-ċittadini tiegħu wieħed m'għandux iħares biss lejn il-ġrajja finali iżda għandu jħares x'kienu ċ-ċirkostanzi fattwali prevalenti fiż-żmien anċedenti. Fi kliem ieħor imbilli rriżulta li Joseph Mallia seta' miet kaġun tal-marda li ħakmitu m'għandux ifisser tabilfors li allura l-istat naqas mid-dmirijiet tiegħu. Dak li wieħed irid jara huwa jekk il-fatt dannuż kienx wieħed prevedibbli u jekk l-istat naqasx milli jkun pro-attiv biex jevita milli jseħħ l-istess fatt dannuż.

»Illi l-esponenti jissottomettu li fil-każ odjern – u dan kif jirriżulta mix-xiehda esebita ta' Dr George Peplow – għalkemm fis-sittinijiet diġà kien hemm tagħrif bażiku dwar l-*asbestos* madankollu l-istess xhud jispjega li "ma kienx hemm dik l-informazzjoni li tgħidilna 'isma' użaw hekk, araw li l-*limits* ikunu daqshekk'". Ix-xhud kompla jispjega li "naf jiena, ifhem kif qed ngħidlek, *awareness* kien hawn, *early '70s* kien hawn, però dak iż-żmien li konna *aware* isma' jekk tuża l-*asbestos* aħsel idejk, ara li ma jiġix fuq il-ħwejjeġ tiegħek, ma kienx hemm l-ebda sens ta' *limits of risks*, *method of testing*, dawn ġew kollha *late 90s, early 2000*". L-istess xhud spjega li l-fatt li persuna tkun f'ambjent fejn ikun hemm l-*asbestos* ma jfissirx li bilfors kienet esposta u ddikjara li "dment li mhux disturbat, *so long as it is not disturbed there is no potential danger no, no*" peress li l-*fibres* tal-*asbestos* ikunu "*contained*".

»Illi mix-xiehda esebita ta' Joseph Saliba jidher ċar li t-tarzna kienet tinvesti f'*health and safety manager*. Għal dak li jirrigwarda l-*asbestos* dan ix-xhud jgħid li l-iktar perikoluż huwa dak tat-tip *blue* liema *asbestos* fil-karriera tiegħu ta' erbgħin sena ddaħħal fit-tarzna darba jew darbtejn biss. L-istess xhud spjega li meta daħlet din l-*awareness* tal-*asbestos* mill-ewwel bdew jittieħdu prekawzjonijiet tant hu hekk li ħadd ma beda jitħalla jmiss l-*asbestos* għajr għal "nies apposta bis-*safety attire* li hemm bżonn, nissiljaw l-area". L-istess xhud spjega "l-*asbestos* bħala *asbestos* fid-dinja kollha damu ħafna ma saru aware minnhom tant hu hekk li sal-2012 il-Kanada kienet għadha tagħmel *mining* għal *white asbestos* għaliex kienu jgħidu li ma jagħmilx ħsara – l-iktar wieħed li konna niltaqgħu miegħu, il-*white asbestos*. Jiġifieri sal-2012. Aħna sirna, bdejna nsiru *aware* ta' dan l-*asbestos* qisu *in the … nineties* (90s). Meta kien jidħlilna xogħol li konna nafu li per eżempju se ssir *refurbishment* ta' vapur tal-passiġġieri li żgur se tiltaqa' ma', konna nġibu nies minn barra, grupp ta' nies minn barra, fejn kienu jieħdu *samples*, jaraw x'hemm u tittieħed il-prekawzjoni, meta qabel aħna ma kellniex l-apparat u n-*knowhow* ta' kif nagħmlu dawn it-testijiet. It-tarzna mbagħad kienet bagħtet lili barra minn Malta fejn l-*Institute of Occupational Medicine* ġewwa Edinburgh fejn għamilna l-

istudju, ingħatajt ċertifikat u bdejt inkun bħala analist ukoll għal dan l-*asbestos fibres*. Imbagħad bdejna bl-*awareness in full*. Meta saret l-*awareness* proprja, bdejna niġbru, bdejt nieħu *samples* minn diversi postijiet fit-tarzna, bdejna niġbru dan il-materjal, nirrippjawh *double bagged* fil-plastik u konna nistorjawh ġo *tunnels* li kellna fit-tarzna". Dan ix-xhud semma ukoll kif l-*asbestos* insibuh fil-ħajja ta' kuljum u *cioè* saħansitra fil-*brake linings* tal-karozzi, tankijiet tal-ilma kollha fihom l-*asbestos* kif ukoll soqfa ta' residenzi.

»Illi fil-każ odjern, tajjeb li jingħad li Joseph Mallia kien impjegat tat-tarzna sas-sena 2002 f'liema sena Mallia kien irtira. Illi mill-provi ma rriżultax li kien effettivament waqt li kien impjegat mat-tarzna li kkontratta l-marda li waslet għad-deċess tiegħu u dan *stante* li r-rikorrenti ma wrewx li hemm ness li *decuius* kien marad b'*mesothelioma* minn fuq il-post tax-xogħol tiegħu ġewwa tarzna. L-esponenti jissottomettu wkoll illi kien ferm wara li rtira mix-xogħol tiegħu ġewwa t-tarzna u *cioè* għaxar snin wara, li Mallia kienet ġiet a konjizzjoni tiegħu li għandu l-marda ta' *mesothelioma*.

»Illi mingħajr preġudizzju, kif jirriżulta mill-provi jidher li l-*asbestos* jinsab f'ħafna affarijiet li kull individwu jinsab espost għalihom. Mix-xiehda rriżulta wkoll li huma l-*fibres* li huma ħżiena u mhux il-fatt li persuna tidħol f'post fejn ikun hemm l-asbestos installat.

»Illi jingħad ukoll li t-Tarzna kienet tipprovdi s-servizzi mediċi fuq il-lant tax-xogħol kif ukoll kienet taħseb li l-ħaddiema tagħha jingħataw materjal protettiv (maskli) u li jsiru l-eżamijiet mediċi sabiex tiġi assigurata s-saħħa tagħhom.

»Illi għaddew numru ta' liġijiet sabiex tiġi salvagwardjata s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol fosthom inkluż bdil fil-liġi, biex jindirizza l-problema tal-*asbestos* karċinoġenu fit-tarzna. Tassew tant hu hekk u b'rabta mas-suespost malli l-gvern sar jaf bil-perikolu ta' dan il-materjal, huwa ħa ċertu passi rimedjali biex jiġi evitat il-periklu. Kemm hu hekk ġew mgħoddija wkoll għadd ta' liġijiet sabiex tiġi mħarsa s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol fosthom:

»• ir-Regolamenti dwar Postijiet tax-Xogħol (Saħħa, Skansar u Ħsieb Ġenerali) (L.S. 424.09);

»• ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Ħaddiema mir-Riskji Relatati ma' l-Espożizzjoni għall-*Carcinogens* jew *Mutagens* fuq il-Post tax-Xogħol (L.S. 424.22); u

»• ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji li jinħolqu meta persuna tkun esposta għall-*Asbestos* fuq il-Post tax-Xogħol (L.S. 424.23).

»L-esponenti huma konsapevoli li fis-sentenza ċitata mir-rikorrenti Brincat and others *v.* Malta il-Qorti Ewropeja sabet vjolazzjoni tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni madanakollu l-esponenti jirrilevaw li l-awtoritajiet abbażi tat-tagħrif li kien jeżisti dak iż-żmien ħadu dawk il-passi preventivi sabiex jipproteġu l-ħaddiema tagħhom. B'kull dovut rispett, il-Qorti Ewropeja naqset pależement li tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li fiż-żmien mertu tal-każ odjern l-*awareness* kienet waħda ġenerika u *cioè* li persuna trid taħsel idejha jekk tiġi f'kuntatt mal-

*asbestos* u kien biss fid-disgħinijiet li bdew joħorġu l-informazzjoni fuq bażi internazzjonali ta' kif għandu jsir il-*handling* tal-*asbestos*.

»Huwa inkonċepibbli u irraġjonevoli li l-awtoritajiet għandhom ikunu jafu bl-eżistenza ta' ċertu riskji għal saħħet il-bniedem dejjem u mill-ewwel. Fil-każ tal-*asbestos* l-*awareness* tiegħu kien gradwali u malli l-awtoritajiet saru jafu aktar bdew jadottaw sistemi ġodda u pre-kawzjonijiet neċessarji. Tant hu hekk illi f'pajjiżi barranin leġis-lazzjonijiet illi jwaqqfu l-użu tal-*asbestos* u jirregolaw min jaħdem fih ma sarux qabel l-aħħar tad-disgħinijiet.

»Illi għal dak li jirrigwarda l-obbligi proċedurali naxxenti mill-artikolu 2 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jirreferu għall-paragrafi 126 u 127 tas-sentenza ta' Brincat fejn il-Qorti Ewropeja kkonkludiet illi:

> »"*The Court further notes that there was nothing preventing the applicants from lodging a complaint in order to bring their concerns to the Government's attention. In these circumstances, the applicants ... should have at least lodged a complaint with the relevant authorities concerning the death of Mr. Attard and requested an investigation and the prosecution of those responsible. However, no such action was undertaken by the applicants. It follows that this part of the complaint must be rejected under Article 35(1) and (4) of the Convention for non-exhaustion of domestic remedies*".

»Illi jsegwi għalhekk li r-rikorrenti ma ġarrbu l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-artikolu 2 tal-Konvenzjoni.«

16. Wara li fliet ix-xiehda fil-proċess, din il-qorti taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel qorti illi l-marda li ħakmet lill-awtur tal-atturi u wasslet għall-mewt tiegħu kienet konsegwenza ta-xogħol tiegħu fit-tarzna. Kien jaħdem bħala *fitter* mal-*Malta Drydocks Corporation* mit-28 ta' Novembru 1960 sal-10 ta' Mejju 2002 u li tul dan l-impjieg tiegħu kien espost għal ammont sostanzjali ta' *asbestos*. Ix-xiehda medika wkoll turi li l-*asbestos* huwa kawża diretta tal-marda.[2] Din il-qorti għalhekk ma tistax taqbel mal-argument imressaq mill-konvenuti appellanti illi m'hemm l-ebda rabta ta' kawżalità bejn il-mewt tal-awtur tal-atturi u l-ambjent fejn kien jaħdem. Il-fatt li l-

---

2 Ara x-xiehda tal-Prof. Joseph Cacciattolo fis-seduta tat-30 ta' Ġunju 2010 quddien l-ewwel qorti, *foll.* 355 *et seq*.

awtur tal-atturi sar jaf li għandu l-marda xi għaxar snin wara li rtira mix-xogħol ma jfissirx li ma hemm dik ir-rabta.

17. Il-konvenuti appellanti jgħidu wkoll illi fis-sittinijiet "l-*awareness* kienet waħda ġenerika u *cioè* li persuna trid taħsel idejha jekk tiġi f'kuntatt mal-*asbestos* u kien biss fid-disgħinijiet li bdew joħorġu l-informazzjoni fuq bażi internazzjonali ta' kif għandu jsir il-*handling* tal-*asbestos*". Sad-disgħinijiet għalhekk, skond l-istess konvenuti appellanti, il-fatt dannuż ma kienx prevedibbli għall-awtoritajiet Maltin għaliex ma kienx hawn l-għarfien dwar il-periklu li jġib miegħu l-*asbestos*. Iżidu jgħidu illi malli kien hawn evidenza dwar dan l-għarfien, l-awtoritajiet bdew jaddottaw sistemi ġodda u l-pre-kawzjonijiet neċessarji sabiex tiġi assigurata s-saħħa tal-ħaddiema tad-*drydocks* fuq il-post tax-xogħol.

18. Iżda dan ma jidhirx li hu għalkollox fattwalment korrett. Ix-xhud Prof. Joseph Cacciattolo xehed illi:

> »… evidenza xjentifika li l-*asbestos* ġie assoċjat mal-*cancer* tal-pulmun kien fis-sena 1938. L-awtur tagħha kien Nordmann (Ġermaniż). Issa l-*link* bejn l-*asbestos* u *pleural mesothelioma* kien sar fil-*British Medical Journal* fis-sena 1960, u dan minn Wagner et al.«[3]

19. Dr George Peplow ukoll ikkonferma dan fix-xiehda tiegħu mogħtija fid-9 ta' Marzu 2016 meta qal hekk:

> »... ... ... l-*awareness* nemmen jiena li bdew deħlin *late '60s early '70s* bħala *awareness*, bħala liġijiet u anke fl-Ingilterra u anke fl-Ewropa, u

3 *Fol.* 356.

f'Malta wkoll, ġew ħafna iktar tard bħala liġijiet, però l-*awareness* kien hemm, kien jeżisti dejjem.«[4]

20. Mill-atti tal-proċess jidher li l-awtoritajiet Maltin bdew jieħdu l-prekawzjonijiet xierqa u l-miżuri meħtieġa biex titħares is-saħħa tal-impjegati tat-tarzna fid-disgħinijiet. Fil-fatt Joseph Saliba fix-xiehda tiegħu mogħtija fl-14 ta' Ottubru 2015 qal hekk:

»… Meta saret l-*awareness* ta' *asbestos* u bdejna nieħdu l-pre-kawzjonijiet li hemm bżonn … l-iktar waħda li kienet hija: tmissux! Jekk tista' ma tmissux, ma tmissux. Jekk ikun hemm bżonn li jintmiss, konna nqabbdu nies apposta bis-*safety attire* li hemm bżonn, nissiljaw l-area. Dak meta bdejn nagħmlu l-affarijiet sirna *aware* x'hemm bżonn isir.

»… … …

»… … … Aħna sirna, bdejna nsiru *aware* ta' dan l-*asbestos* qisu *in the midst* … tan-*nineties* …«[5]

21. Dr George Peplow kompla jfisser illi fis-sebgħinijiet "ma kien hemm l-ebda sens ta' *limits of risks*, *method of testing …*" [6] għaliex "… dawn ġew kollha *late '90s, early 2000*."[7] Ikompli hekk:

»… mill-*late '60s* diġà kelli x'naqsam fl-*asbestos* għar-raġuni kif għidt li fid-Dipartiment tal-*Chemistry* fl-Università kellna diversi oġġetti li kellhom l-*asbestos*, però ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' kemm hu perikoluż, kif inhu perikoluż, kif se timmitiga kontra din il-perikolożità, sempliċiment "tmissx l-*asbestos*"«[8]

22. Madankollu, dan ma jfissirx illi l-awtoritajiet Maltin ma kienux jafu li l-*asbestos* kien karċinoġenu u li kien ta' perikolu għas-saħħa tal-ħaddiema tat-tarzna. Fil-fehma ta' din il-qorti, ma kienx hemm bżonn l-informazzjoni li waslet għand l-awtoritajiet fid-disgħinijiet

---

4 *Fol.* 373; ara wkoll *fol.* 382.

5 *Fol.* 365.

6 *Fol.* 374.

7 *Fol.* 374; ara wkoll *fol.* 382.

8 *Fol.* 376.

sabiex jittieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji biex titħares kif jixraq is-saħħa tal-ħaddiema. Kif saħaq il-Prof Joseph Cacciattolo:

> »Jekk ikollok evidenza mija fil-mija li hemm sustanza li hija karsinoġenika jew anke li tikkawża ħsara fis-saħħa tal-bniedem, l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw it-tobba u ukoll għandhom jieħdu passi preventivi.«[9]

23. Barra minn hekk, il-konvenuti appellanti ma ressqu l-ebda provi li juru li qabel id-disgħinijiet anke f'pajjiżi oħra, fosthom fl-Ewropa, l-awtoritajiet barranin ma kinux jieħdu dawn il-prekawzjonijiet, bla ma hemm għalfejn ngħidu wkoll illi, ukoll jekk naqsu pajjiżi oħra, dan ma jiġġustifikax in-nuqqas tal-awtoritajiet Naltin ukoll.

24. Din il-parti tal-aggravju wkoll għalhekk għandha tiġi miċħuda.

25. Argument l-ieħor li tressaq mill-konvenuti appellanti fit-tieni aggravju tagħhom huwa li l-atturi kien imisshom ressqu ilment mal-awtoritajiet kompetenti meta miet l-awtur tagħhom. Peress li dan l-argument tal-konvenuti appellanti ma tressaqx fit-tweġiba tagħhom għar-rikors tal-atturi, ma huwiex xieraq illi din il-qorti tqisu f'dan l-istadju għaliex, jekk tagħmel hekk, tista' tippreġudika d-dritt tal-atturi għal smigħ xieraq.

26. Għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, it-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti mhux sejjer jintlaqa'.

27. It-tielet aggravju jolqot il-*quantum* tal-kumpens u ġie mfisser hekk:

---

9 *Fol.* 356.

»Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravji fuq sollevati, f'każ li jinstab illi d-drittijiet fundamentali tal-appellati ġew leżi, l-appellanti jħossu illi l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) likwidat bħala danni non-pekunjarji huwa għoli wisq. Dan qed jingħad anke fid-dawl ta' ġurisprudenza nostrana f'dan ir-rigward. Kif jingħad b'mod kostanti fil-ġurisprudenza, meta l-qorti tiġi biex tillikwida danni non-pekunjarji (bħal ma ġie likwidat mill-ewwel qorti), il-qorti tħares lejn ċertu fatturi prinċipali u *cioè* l-età tal-mewt tal-vittma, it-tul ta' żmien li matulu l-vittma damet isofri l-marda, l-ansjetà u s-sofferenza tal-familjari u anke f'xi każi t-trapass ta' żmien minn meta l-vittma rtira sakemm ħakmitu l-marda. Fil-każ odjern, mill-provi prodotti jirriżulta illi Joseph Mallia miet fl-eta' ta' sebgħa u sittin (67) sena u dan wara li kien ilu rtirat għal għaxar (10) snin. Jirriżulta wkoll illi hu ġie iddijanjostikat bil-marda fil-bidu tas-sena 2012 u miet f'Settembru 2012. Fir-rigward ta' x'tip ta' relazzjoni l-appellati kellhom ma' Joseph Mallia u minn xiex għaddew fiż-żmien li Joseph Mallia kien maħkum mill-marda, mill-provi din ma tirriżultax tant li tnejn mir-rikorrenti lanqas biss xehdu fil-proċeduri.

»Illi dan premess, meta wieħed iqabbel l-ammont ta' kumpens non-pekunjarju likwidat fil-każ odjern mal-kumpens likwidat minn din l-onorabbli qorti jirriżulta illi l-kumpens mogħti f'din il-kawża huwa eċċessiv. F'dan ir-rigward l-appellanti jagħmlu referenza għal sentenza riċenti mogħtija minn din l-onorabbli qorti fl-ismijiet John Formosa *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) deċiża fil-5 t'Ottubru 2018 fejn hemm il-vittma miet fl-età iżgħar minn ta' Joseph Mallia u *cioè'* fl-età ta' tnejn u sittin (62) sena u bħala danni non-pekunjarji din l-onorabbli qorti akkordat is-somma ta' wieħed u għoxrin elf euro (€21,000). L-appellanti jagħmlu referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet Emanuela Caruana *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et* deċiża fil-5 t'Ottubru 2018 fejn hemmhekk il-vittma miet fl-età ta' wieħed u sebgħin (71) sena u dam isofri mill-marda għall-madwar sena u nofs. Jirriżulta wkoll illi huwa miet għaxar snin wara li kien irtira. F'dak il-każ l-ewwel onorabbli qorti kienet stabbiliet kumpens ta' tnax-il elf, liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata minn din l-onorabbli qorti.

»Għalhekk fuq dawn ir-raġunijiet ma jidhirx li kien indikattiv li l-appellati jieħdu kumpens ta' €25,000 u għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi kollha għalhekk il-kumpens ta' €25,000 mogħti mill-ewwel onorabbli qorti għandu jiġi mħassar jew ridott sostanzjalment.«

28. Fost il-fatturi relevanti għal-likwidazzjoni tad-danni hemm dawn li ġejjin:

i. il-fatt li l-awtur tal-atturi miet fl-età relativament żgħira ta' 67 sena;

ii. il-fatt li kien fil-bidu tas-sena 2012 li nstab li kellu l-marda, u ġie nieqes f'Settembru tal-istess sena. Hu għalhekk sofra minn din il-marda kiefra għal ftit inqas minn sena;

iii. il-fatt li l-familjari tiegħu ġew imċaħħda ħesrem mill-preżenza tiegħu;

iv. il-fatt li qabel ma ħarġu s-sintomi tal-marda kien "raġel b'saħħtu," "kien attiv ħafna" u "ma kellu ebda kundizzjoni kronika;" [10]

v. it-tip ta' relazzjoni li l-atturi kellhom mal-awtur tagħhom;

vi. l-ansjetà u s-sofferenza tal-familjari tiegħu meta kienu jarawh ibati minħabba l-marda sakemm miet;

vii. il-fatt li l-atturi ngħataw ukoll risarċiment minn terzi;[11]

viii. il-fatt illi, ħlief għall-attriċi Josephine Mallia, li hija l-armla, ma jidhirx li l-atturi kienu dipendenti fuq l-awtur tagħhom;

ix. il-kumpens mogħti mill-qrati maltin kif ukoll mill-qorti ewropea f'każijiet simili ġà deċiżi.[12]

29. Meqjus dan kollu, din il-qorti hija tal-fehma illi l-ammont ta' għoxrin elf euro (€20,000) flok ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) bħala

---

[10] Ara *fol.* 360.

[11] Ara *foll.* 390 *et seq*.

[12] Ara, fost oħrajn, Maria Rosaria Fenech *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et*; Anthony Farrugia *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et*; John Formosa *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et*; Emanuela Caruana *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et*, Kost. 5 ta' Ottubru 2018.

kumpens għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tal-atturi jkun aktar ġust u xieraq fiċ-ċirkostanzi.

30. F'dan is-sens l-aggravju sejjer jintlaqa'.

31. Inċidentalment, il-qorti tosserva illi, minkejja l-fatt illi fir-rikors tagħhom l-atturi talbu biss ħlas ta' "l-ammont hekk likwidat bħala rimedju pekunjarju" u mhux ukoll danni non-pekunjarji, l-ewwel qorti illikwidat ukoll danni pekunjarji. Ladarba ma sarx appell imsejjes fuq din il-konsiderazzjoni, il-qorti ma hijiex sejra tqisha. Madankollu, sabiex ma jkun hemm ebda ekwivoku, tagħmilha ċara illi l-kumpens likwidat jagħmel tajjeb kemm għad-danni pekunjarji u kemm għal dawk non-pekunjarji.

32. Jonqos issa r-raba' u l-aħħar aggravju tal-konvenuti appellanti li jolqot l-ispejjeż. Ifissru dan l-aggravju tagħhom hekk:

> »Illi l-appellanti huma tal-fehma li ma kellhomx jiġu akkampati bl-ispejjeż kollha tal-kawża. Skont l-artikolu 223 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu attribwiti skont il-kriterju tar-rebħ u tat-telf. Fil-każ odjern jirriżulta illi l-ewwel onorabbli qorti ma sabitx ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni u fil-fatt irrespinġiet it-tieni talba tar-rikorrenti u akkoljiet ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tal-intimati. *In vista* ta' dan, fl-umli fehma tal-appellanti l-ispejjeż ma kellhomx jiġu sapportati kollha mill-appellanti.«

33. Dan huwa minnu. Meqjusa ċ-ċirkostanzi ta' din il-kawża, u l-fatt illi mhux it-talbiet kollha tal-atturi ntlaqgħu, ikun xieraq illi l-ispejjeż tal-ewwel grad jinqasmu hekk: żewġ ishma minn tlieta (⅔) jħallsuhom il-konvenuti u s-sehem l-ieħor minn tlieta ($^1/_3$) jħallsuh l-atturi.

34. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

i. tħassarha fejn ikkundannat lill-konvenuti jħallsu ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, minflok, tikkundannahom iħallsu lill-atturi għoxrin elf euro (€20,000) li qegħdin jiġu likwidati bħala danni pekunjarji u non-pekunjarji;

ii. tħassarha wkoll fejn ikkundannat lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż u, minflok, tordna li l-ispejjeż tal-ewwel grad jinqasmu hekk: żewġ ishma minn tlieta (⅔) jħallsuhom il-konvenuti u s-sehem l-ieħor minn tlieta ($^{1}/_{3}$) jħallsuh l-atturi;

iii. tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

35. L-ispejjeż tal-appell jinqasmu hekk: tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallsuhom il-konvenuti appellanti u s-sehem l-ieħor minn erbgħa (¼) jħallsuh l-atturi.

Joseph Azzopardi
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr